

AVVIŻ TA' POST BATTAL¹

DIRETTUR EŻEKUTTIV

REF: EBA TA 05/2019

Tip ta' kuntratt	Aġent Temporanju ²
Grupp ta' funzjonijiet u grad	AD 14
Tul tal-kuntratt	5 snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni għal darba
Dipartiment/Unità	L-Awtorità Bankarja Ewropea
Post tal-impjeg	Pariġi, Franza
Data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet	2 ta' Novembru 2019 f'12.00 ħin ta' Pariġi
Lista ta' riżerva valida sa	31 ta' Diċembru 2020

L-Awtorità

L-Awtorità Bankarja Ewropea ("EBA") hija Awtorità indipendenti tal-Unjoni Ewropea li ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2011 bir-Regolament (KE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010.³

Il-Missjoni

Bil-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea, l-EBA tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' regolamentazzjoni u superviżjoni ta' kwalità għolja, effettiva u ta' livell konsistenti fl-oqsma ta' kompetenza tagħha. Din tippromwovi wkoll il-valuri pubbliċi bħall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, it-trasparenza tas-swieq u tal-prodotti finanzjarji, u l-protezzjoni tad-depożitanti u tal-investituri.

Din taħdem sabiex tipprevjeni arbitraġġ regolatorju u tiggarrantixxi kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni, issaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali, tippromwovi l-konverġenza superviżorja u ttipprovdi pariri lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam bankarju, dak tal-pagamenti u tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' flus elettroniċi, kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-governanza korporattiva, l-awditjar u r-rapportar finanzjarju.

Bħala parti integrali mis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (ESFS), l-EBA taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet assoċjati magħha, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), kif ukoll il-Kumitat Konġunt u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS).

Aktar informazzjoni dwar l-EBA hija disponibbli fuq is-sit web tal-EBA: www.eba.europa.eu.

¹ Dan l-avviż ta' post battal huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza, il-verżjoni bl-Ingliż hija l-lingwa oriġinali u tipprevali, il-lingwi l-oħrajn huma traduzzjonijiet għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

² Skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS).

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

Aħna nipponu

Il-kariga ta' Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA). Id-Direttur Eżekuttiv huwa professjonist indipendenti full-time, membru tal-persunal tal-EBA, ibbażat f'Pariġi, Franza. Id-Direttur ser jiġġestixxi minn jum għal jum l-attivitajiet tal-EBA li jiżguraw il-kisba tal-oġġettivi tal-EBA.

Ser ikun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali u jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura l-funzjonament tal-EBA.

Għandu jagħti rendikont lill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA u b'mod partikolari l-President tiegħu, u ser jirrapporta għand il-Bord tas-Superviżuri fuq bażi kontinwa dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet tal-EBA.

Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord tas-Superviżuri.

Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun għal ħames snin u jista' jiġġedded darba.

Deskrizzjoni tal-impjeg

Responsabbiltajiet ewlenin:

Id-Direttur Eżekuttiv ser ikun responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-EBA. Ser ikun responsabbli għall-kompiti stipulati fit-taqsim IV tar-regolament li jistabbilixxi l-EBA, b'mod partikolari:

- Il-ġestjoni tal-Awtorità u t-tnejnija tax-xogħol tal-Bord Maniġerjali;
- L-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tal-Awtorità taħt il-gwida tal-Bord tas-Superviżuri u taħt il-kontroll tal-Bord Maniġerjali.
- It-teħid tal-miżuri neċessarji, b'mod partikolari l-adozzjoni ta' struzzjonijiet amministrattivi interni u l-pubblikazzjoni ta' avviżi, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tal-Awtorità, b'konformità ma' dan ir-Regolament;
- It-tnejnija ta' programm ta' ħidma pluriennali;
- It-tnejnija, kull sena, ta' programm ta' ħidma għas-sena ta' wara;
- It-tfassil ta' abbozz preliminari tal-baġit tal-Awtorità u l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità, b'konformità sħiħa mar-regolamenti finanzjarji tal-UE;
- It-tnejnija kull sena ta' abbozz ta' rapport annwali b'taqsim dwar l-attivitajiet regolatorji u superviżorji tal-Awtorità u taqsim dwar kwistjonijiet finanzjarji u amministrattivi;
- L-eżerċitar fir-rigward tal-persunal tal-Awtorità tas-setgħat stabbiliti fir-Regolament u l-ġestjoni ta' kwistjonijiet marbutin mal-persunal.

Rekwiżiti

1. Kriterji ta' Eliġibbiltà

Biex ikunu kkunsidrati eliġibbli, il-kandidati jridu jissodisfaw il-kriterji kollha elenkati hawn taħt, sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

1.1 Ġenerali

- Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;⁴
- Ikunu intitolat għad-drittijiet kollha tagħhom bħala ċittadini;⁵
- Ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁶ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea;
- Ikunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni.⁷

1.2 Kwalifiki

1.2.1 Speċifiċi

Sabiex ikunu kkunsidrati għall-fażi ta' qabel, l-għażla l-applikanti għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà formali li ġejjin sad-data ta' għeluq tal-applikazzjonijiet u jkollhom:

- a) Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestat b'diploma⁸ meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun erba' snin jew aktar, jew
- b) Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmumin, attestat b'diploma⁸ u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas sena, meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun tal-anqas tliet snin (din is-sena ta' esperjenza professjonali ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali wara l-kisba tal-lawrja meħtieġa hawn taħt).

1.2.2 Esperjenza professjonali

Sabiex jikkwalifika għal din il-kariga, kandidat irid ikollu tal-inqas 15-il sena ta' esperjenza professjonali fuq bażi full time mixhuda bi prova, wara li jkun lesta l-edukazzjoni kif imsemmi taħt 1.2.1., li minnhom

- Tal-inqas 5 snin għandhom ikunu esperjenza rilevanti f'livell għoli fis-settur bankarju jew is-supervizzjoni f'dan il-qasam;

⁴ Il-kandidati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS), li jinkludu li jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

⁵ Qabel il-ħatra, il-kandidat li jintgħażel ser jintalab jipprovi ċertifikat tal-kondotta mill-pulizija li jikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe rekord kriminali.

⁶ Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliz, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż.

⁷ Qabel il-ħatra, il-kandidat li jintgħażel ser jiġi eżaminat minn wieħed miċ-ċentri mediċi tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi kkonfermat li l-kandidat jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS).

⁸ Sejrin jiġu kkunsidrati biss kwalifiki li ngħataw minn awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew minn awtoritajiet taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti. Jekk l-istudji prinċipali saru barra mill-Unjoni Ewropea, il-kwalifika tal-kandidat trid tkun għet rikonoxxuta minn korp delegat uffiċjalment għal dan il-għan minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (bħal Ministeru tal-Edukazzjoni nazzjonali) u dokument li jattesta dan irid jiġi sottomess mal-applikazzjoni sad-data ta' għeluq.

- Tal-inqas 5 snin ta' esperjenza fil-ġestjoni li għandha tkun inkisbet fil-ġestjoni tal-persunal u tal-baġits f'livell għoli jew f'ħidma fi strutturi ta' ġestjoni b'livell għoli ta' responsabbiltà⁹.

1.2.3 Għarfien tal-lingwi

Għal skopijiet ta' xogħol, minħabba li l-Ingliż huwa l-lingwa ta' ħidma tal-EBA,¹⁰ huwa meħtieġ għarfien eċċellenti tal-lingwa Ingliża, kemm miktuba kif ukoll mitkellma.¹¹

Kelliema nattivi tal-Ingliż ser jiġu ttestjati sabiex jagħtu prova tal-ħiliet tat-tieni lingwa tagħhom, skont it-taqsimha 1.1.

1.2.4 Limitu tal-età

Sabiex jikkwalifika għall-kariga, il-kandidat għandu jkun kapaċi jtemm il-mandat ta' ħames snin sħaħ qabel ma jilħaq l-età tal-irtirar. Għall-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea, l-età tal-irtirar hija ddefinita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 66 sena¹².

2. Kriterji tal-għażla

Flimkien ma' dak t'hawn fuq, ser jintużaw il-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- Għarfien tajjeb tas-setturi ta' rilevanza għall-attivitajiet tal-EBA u għarfien espert ippruvat f'dawn l-oqsma;
- Esperjenza mixhuda bi prova fir-regolamentazzjoni finanzjarja u/jew superviżjoni fil-livell nazzjonali, Ewropew jew internazzjonali ta' rilevanza għall-attivitajiet tal-EBA;
- Fehim sħiħ tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, u ta' attivitajiet Ewropej u internazzjonali b'rilevanza għall-attivitajiet tal-EBA;
- Esperjenza estensiva ta' ġestjoni baġitarja, finanzjarja u/jew ta' riżorsi umani f'kuntest nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali;
- Ħila fit-tmexxija u l-motivazzjoni ta' tim li jinkludi kemm persunal tekniku, kif ukoll dak amministrattiv u ta' sostenn;

Ikun ta' vantaġġ għall-kandidat jekk ikollu esperjenza superviżorja diretta.

L-applikazzjonijiet se jrin jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji tal-Eliġibbiltà u l-Għażla speċifikati f'partijiet 1 u 2.

Għal din il-kariga, il-kandidati huma mistennija li jissodisfaw il-kompetenzi li se jiġu vvalutati waqt l-intervisti:

- Ħila mixhuda bi prova fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fil-livell strateġiku kif ukoll fil-livell politiku;

⁹ L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-esperjenzi kollha tagħhom miksuba fil-ġestjoni f'livell għoli billi jindikaw fuq il-Curriculum Vitae tagħhom:

(1) It-titolu u r-rwol tal-karigi ta' ġestjoni li kellhom, (2) in-numru ta' persunal isorveljat f'dawn il-karigi, (3) id-daqs tal-baġit ġestit, u (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri, kif ukoll in-numru ta' pari fl-organizzazzjoni

¹⁰ Deċiżjoni EBA DC 003 tal-Bord Maniġerjali dwar Arranġamenti Lingwistiċi Interni.

¹¹ L-għarfien huwa meħtieġ li jkun tal-anqas ta' livell B2. Il-valutazzjoni fil-livell B2 issir skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL) (<http://europass.cedefop.europa.eu/sites/default/files/cefr-en.pdf>)

¹² Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieġ applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS)

- Kapaċitajiet ta' networking eċċellenti, ħiliet ta' komunikazzjoni u dawk interpersonali, inkluż il-kapaċità li jittrattaw u jinnegozjaw ma' rappreżentanti leġiżlattivi u governattivi ta' livell għoli kif ukoll partijiet ikkonċernati u rappreżentanti tal-industrija finanzjarja ġewwa u barra l-UE;
- Sens qawwi ta' responsabbiltà, impenn b'saħħtu, inizjattiva u motivazzjoni personali.

3. Opportunitajiet indaqs

Bħala Awtorità tal-Unjoni Ewropea, l-EBA ser tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs u ser tiegħu ħsieb tevita kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni fil-proċeduri ta' rekrutaġġ tagħha.

4. Proċedura tal-għażla

Il-proċedura tal-għażla ser tinkludi dawn li ġejjin:

4.1. Il-kumitat tal-għażla ser ikun stabbilit għal dan il-proċess ta' għażla. Il-kandidati eliġibbli kollha mistiedna għall-intervisti ta' qabel l-għażla għandhom jiġu infurmati dwar il-kompożizzjoni tal-kumitat tal-għażla fl-istedina għall-intervista ta' qabel l-għażla.

4.2. Il-kumitat tal-għażla ser janalizza d-dokumenti ta' applikazzjoni¹³ (curriculum vitae, ittra ta' motivazzjoni u formola ta' dikjarazzjoni) tal-applikanti b'referenza għall-kriterji tal-eliġibbiltà u l-għażla u ser ifassal lista ta' massimu ta' sitt kandidati skont il-merti tagħhom u l-kriterji stipulati hawn fuq. Il-kandidati inklużi f'din il-lista ser ikunu mistiedna mill-kumitat tal-għażla għall-intervisti ta' qabel l-għażla.

Wara l-intervisti ta' qabel l-għażla, il-kumitat tal-għażla ser jistabbilixxi lista qasira tat-tliet kandidati l-aktar adegwati li ser jiġu mistiedna jqattgħu ġurnata sħiħa f'ċentru ta' valutazzjoni.

Din is-sejħa għal applikazzjonijiet hija l-bażi għall-istabbiliment tal-lista qasira. Inklużjoni fil-lista qasira mhijiex garanzija ta' ħatra. **L-applikanti għandhom jinnotaw li l-lista qasira tista' ssir pubblika, ladarba tkun ġiet adottata mill-kumitat tal-għażla.**

Wara li jaslu r-risultati taċ-ċentru ta' valutazzjoni, u b'kunsiderazzjoni tar-risultati tal-intervisti ta' qabel l-għażla, il-kumitat tal-għażla ser jissottometti l-lista qasira finali lill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA.

Il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew ser ikun infurmat bil-kompożizzjoni tal-ġabra ta' applikanti għall-kariga ta' Direttur Eżekuttiv (numru ta' applikazzjonijiet, taħlita ta' ħiliet professjonali, bilanċ ta' ġeneri u ta' nazzjonalità, eċċ.) u għandu jkun ipprovdut bil-lista qasira tal-kandidati.

Il-kandidati magħżulin imbagħad ser ikunu mistiedna biex jagħtu preżentazzjoni dwar suġġett magħżul minn qabel u ser ikunu intervistati mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA. Il-preżentazzjonijiet u l-intervisti

¹³ Sejrjn jiġu kkunsidrati biss kwalifiki li ngħataw minn awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew minn awtoritajiet taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti. Jekk l-istudji prinċipali jkunu saru barra mill-Unjoni Ewropea, il-kwalifika tal-kandidat trid tkun ġiet rikonoxxuta minn korp delegat uffiċjalment għal dan il-għan minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (bħal Ministeru tal-Edukazzjoni nazzjonali) u dokument li jattesta dan irid jiġi sottomess mal-applikazzjoni sad-data ta' għeluq.

ser isiru fl-istess ġurnata. Is-suġġett tal-preżentazzjoni ser ikun ikkomunikat fl-istedina għall-preżentazzjoni u l-intervista mal-Bord tas-Superviżuri tal-EBA.

Il-kandidati jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu aktar intervisti u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq.

Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul mill-Bord tas-Superviżuri tal-EBA għandu jkun soġġett għal konferma mill-Parlament Ewropew.

Skont l-Artikoli 11 u 11a tar-Regolamenti tal-Persunal (SR) u l-Artikoli 11 u 81 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) **il-kandidat magħżul ser ikun mitlub jagħmel dikjarazzjoni tal-kunflitt ta' interess qabel ir-reklutaġġ**. B'mod partikolari, il-kandidat magħżul ser ikollu jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li ser jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull tip ta' interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tiegħu li ser tkun eżaminata skont il-politika ta' kunflitt ta' interessi tal-EBA. L-applikanti għandhom jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fid-dikjarazzjoni tagħhom sottomessa mal-applikazzjoni tagħhom.

Jekk jogħġbok innota li x-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-kumitat tal-għażla huma strettament kunfidenzjali u li kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu huwa strettament ipprojbit. Kwalunkwe kuntatt li jsir mill-kandidati jew minn partijiet terzi sabiex jinfluwenzaw lill-membri tal-kumitat tal-għażla fir-rigward tal-għażla jikkostitwixxi raġunijiet għal skwalifika mill-proċedura tal-għażla.

5. Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

5.1 Tip, tul u data ta' bidu tal-kuntratt:

Il-kandidat li jintgħażel ser jinħatar bħala aġent temporanju¹⁴ fuq kuntratt b'terminu fiss ta' ħames snin b'perjodu ta' prova ta' disa' xhur u l-possibiltà ta' estensjoni kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Id-data tal-bidu mistennija hija l-**1 ta' Frar 2020**.

5.2 Grupp ta' funzjoni u grad:

Il-kandidat magħżul għandu jinħatar bħala aġent temporanju fil-grad AD 14. Is-salarju bażiku fix-xahar stmat jibda minn EUR 14,546.67.

Id-dettalji tal-pakkett ta' remunerazzjoni kollu jinstabu fl-Artikoli 62 -70 u fl-Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-paġna tal-Karrieri tal-EBA: <http://www.eba.europa.eu/about-us/careers>

5.3 Sommarju tal-kundizzjonijiet tal-impjeg

- Is-salarji huma eżentati mit-taxxa nazzjonali; minflok titħallas taxxa tal-Unjoni f'ras il-għajn;

¹⁴ Ara n-nota 2 f'qiegħ il-paġna

- Il-koeffiċjent tal-korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u aġenti oħrajn skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għal Franza għandu japplika;
- Skont is-sitwazzjoni tal-familja individwali u l-post ta' oriġini, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal dan li ġej: benefiċċju tal-espatrijazzjoni, benefiċċju tal-familja, benefiċċju tat-tfal dipendenti, benefiċċju tal-edukazzjoni, benefiċċju ta' insedjament u rimborż tal-ispejjeż tal-ġarr, benefiċċju temporanju għas-sussistenza ta' kuljum tal-bidu u benefiċċji oħrajn;
- Intitolament annwali għal-liv - jumejn għal kull xahar kalendarju kif ukoll jiem addizzjonali għall-età, il-grad, u jumejn u nofs ta' liv għad-dar supplimentari mogħti lill-persunal li huwa intitolat għall-benefiċċju tal-espatrijazzjoni jew għall-benefiċċju ta' residenza barranija;
- L-Iskema tal-Pensjonijiet tal-UE (wara 10 snin servizz);
- Ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni tal-Mard tal-UE, il-kopertura ta' assicurazzjoni f'każ ta' aċċident u mard okkupazzjonali, il-benefiċċju kontra l-qgħad u l-invalidità;
- Assicurazzjoni tal-ivvjaġġar f'każ ta' vvjaġġar fuq missjoni.

5.4 Post tal-impjeg

L-uffiċċji tal-Awtorità Bankarja Ewropea jinsabu fis-Sulari 24 sa 27, Europlaza, 20 avenue André Prothin, La Défense 4 – 92400 Courbevoie, Franza.

6. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet inkluż **curriculum vitae preferibbilment fil-format tal-Europass¹⁵, ittra ta' motivazzjoni, u formola ta' dikjarazzjoni mimlija**, iddatati u ffirmati għandhom jiġu sottomessi **bl-Ingliż** lill-indirizz li ġej: **EBA-ExecutiveDirector-Applications@eba.europa.eu sa 2 ta' Novembru 2019 f'12.00 nofsinhar ħin ta' Pariġi.**

L-EBA mhija ser tqis l-ebda applikazzjoni li tirċievi wara d-data ta' skadenza. L-applikanti huma mħeġġa bis-sħiħ biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom, minħabba li ħafna traffiku tal-internet jew ħsarat fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-EBA ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien minħabba diffikultajiet ta' dan it-tip.

Ser jiġu aċċettati u kkunsidrati biss applikazzjonijiet kompluti. Sabiex l-applikazzjoni tkun ikkunsidrata bħala kompluta, il-kandidati jridu jibagħtu d-dokumenti kollha¹⁶: curriculum vitae, ittra ta' motivazzjoni u formola ta' dikjarazzjoni ddatati u ffirmati qabel id-data ta' skadenza.

Qabel jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jenħtieġ li jivvalutaw u jiċċekkjaw jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha kif speċifikat fl-avviż tal-post battal, b'mod partikolari f'termini ta' kwalifiki u esperjenza professjonali rilevanti.

¹⁵ <http://www.eba.europa.eu/about-us/careers/practical-information>

¹⁶ Sejrin jiġu kkunsidrati biss kwalifiki li ngħataw minn awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew minn awtoritajiet taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti. Jekk l-istudji prinċipali jkunu saru barra mill-Unjoni Ewropea, il-kwalifika tal-kandidat trid tkun ġiet rikonoxxuta minn korp delegat uffiċjalment għal dan il-għan minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (bħal Ministeru tal-Edukazzjoni nazzjonali) u dokument li jattesta dan irid jiġi sottomess mal-applikazzjoni sad-data ta' għeluq.

L-esperjenza professjonali indikata fil-curriculum vitae tgħodd biss miż-żmien meta l-kandidat kiseb iċ-ċertifikat jew id-diploma meħtieġa għall-kariga u jekk tkun fuq bażi mħallsa biss (inkluż għotjiet għall-istudju u għotjiet għal internship). PhDs jistgħu jitqiesu bħala esperjenza professjonali jekk il-kandidati jkunu rċevew għotja għall-istudju jew salarju waqt l-istudji tal-PhD. It-tul massimu li jgħodd għall-PhD huwa ta' tliet snin diment li l-PhD tkun ġiet konkluża b'suċċess sad-data ta' għeluq għall-applikazzjonijiet tal-proċedura tal-għażla.

Id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-karigi preċedenti l-oħrajn kollha u jekk xogħol full time jew part time jenħtieġ li jkunu indikati fil-curriculum vitae. Kandidati freelance jew li jaħdmu għal rashom iridu jipprovdu jew kopja tad-dħul fir-reġistru tan-negozji rilevanti, jew kwalunkwe dokument uffċjali (pereżempju dokument tat-taxxa fuq id-dħul) li juri b'mod ċar it-tul tal-esperjenza professjonali rilevanti. Id-dettalji ta' kwalunkwe esperjenza professjonali, taħriġ, riċerka jew studji għandhom jingħataw fil-formola tal-applikazzjoni. Meta mitluba, il-kandidati jridu jkunu kapaċi jipprovdu dokumenti ta' sostenn li juru b'mod ċar it-tul u n-natura tal-esperjenza.

F'dan l-istadju, jekk jogħġbok tibgħatx dokumenti ta' sostenn (kopji tal-karti tal-identità, passaporti, diplomi, eċċ.) sakemm dan ma jkunx iddikjarat b'mod ċar fuq dan l-avviż. Id-dokumenti ta' sostenn għandhom jiġu sottomessi fi stadju aktar tard tal-proċedura meta jintalbu.

L-indirizz indikat fil-curriculum vitae ser jintuża bħala l-post li minnu l-kandidati mistiedna għall-intervisti jivvjaġġaw.

Sabiex il-proċess tal-għażla jiġi ffaċilitat, il-komunikazzjoni kollha mal-applikanti li tikkonċerna dan il-post battal ser issir bl-Ingliż.

7. Protezzjoni tad-data

L-EBA ser tiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2018/1725¹⁷. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali data.

8. Proċedura ta' Appell

Kandidati li jqisu li l-interessi tagħhom ikunu ġew ippreġudikati bi kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-proċedura tal-għażla jistgħu jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

8.1 Jitolbu rieżami tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Għażla

Fi żmien ħamest ijiem mid-data tal-ittra li tinforma lill-kandidat bid-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tal-Għażla, hu jista' jissottometti talba bil-miktub għal rieżami ta' din id-deċiżjoni, bi preżentazzjoni tar-raġunijiet għat-talba, fl-indirizz tal-email li ġejj: EBA-ExecutiveDirector-Applications@eba.europa.eu

¹⁷Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39)

8.2 Appelli

a) Il-kandidat jista' jressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal fil-limiti taż-żmien previsti, fl-indirizz li ġejj:

Head of Human Resources Unit
European Banking Authority
CONFIDENTIAL
Selection procedure: **Ref. EBA TA 05/2019**
DEFENSE 4 – EUROPLAZA
20 Avenue André Prothin
CS 30154
92927 Paris La Défense CEDEX
France

b) Il-kandidat jista' jissottometti appell ġudizzjarju lill-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Għal dettalji dwar kif tissottometti appell, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Qorti Ġenerali:
<http://curia.europa.eu/>

8.3 Ilment lill-Ombudsman Ewropew

Huwa possibbli wkoll li tressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman Ewropew¹⁸.

Għal dettalji dwar kif tressaq ilment, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Ombudsman Ewropew:
<http://www.ombudsman.europa.eu/>

Jekk jogħġbok kun af li lmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew m'għandhomx effett ta' sospensjoni fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' lment jew appell rispettivament lill-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman Ewropew, kwalunkwe lment imressaq lill-Ombudsman Ewropew għandu jkun preċedut mill-approċċi amministrativi adegwati lill-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.

¹⁸ ĠU L 113 tal-4 ta' Mejju 1994.